



Brussell, 21 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

13038/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0086(NLE)

VISA 214
COLAC 74

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali – Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fil-11 ta' April 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali¹, flimkien ma' abbozz ta' test tal-ftehim imsemmi fl-anness għal dik il-proposta², u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-istess ftehim³.
2. Fit-22 ta' Ottubru 2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża qabel dwar dawn il-proposti. Fl-istess okkażjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża approva wkoll dikjarazzjoni li għandha tiġi annessa mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar, rigward id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2017/2226 li jstabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u l-Istati Membri li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen fl-intier tiegħu⁴.

¹ 7924/18.

² 7924/18 ADD 1.

³ 7926/18.

⁴ 13028/18.

3. Fis-26 ta' Novembru 2018, id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar⁵ ġiet adottata mill-Kunsill. Fl-istess ħin, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif jinsab fid-dokument 13445/18 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu ladarba l-ftehim⁶ ikun ġie ffirmat kif dovut. L-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni inkluda premessa li tgħid li r-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fid-deċiżjoni.
4. Fl-1 ta' Frar 2020 r-Renju Unit ma baqax Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u l-perijodu ta' tranżizzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni intemm fil-31 ta' Diċembru 2020.
5. Wara posponiment inizjali, il-Ftehim ġie ffirmat f'isem l-Unjoni u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil fis-27 ta' Settembru 2021. Fl-istess jum, l-Unjoni nnotifikat lill-Brażil permezz ta' Note Verbale li r-Renju Unit, bħala konsegwenza tal-avvenimenti msemmija fil-paragrafu 4 ta' din in-nota, mhuwiex ittrattat bħala Stat Membru tal-Unjoni għall-finijiet tal-Ftehim u għalhekk mhuwiex kopert u marbut bih.
6. Bil-ħsieb li jiġi rifless il-fatt li r-Renju Unit m'għadux membru tal-Unjoni Ewropea, l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni ġie rivedut, bit-tneħħija tal-premessa dwar ir-Renju Unit. It-test modifikat jinsab fid-dokument 13445/1/18 REV 1.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif jinsab fid-dokument 13445/1/18 REV 1 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

⁵ 13444/18.

⁶ 13446/18